Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali

# Minuti

**Data:** Il-Ħamis, 22 t' Awwissu 2019

**Post:** *Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali*

**Ħin:** 17:30

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru

**Skużati:**
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## 24.1 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-ittri tal-Apoloġija

24.1.1 Is-Segretarja preżentat l-ittri ta' apoloġija tas-Sur Joseph Cordina u s-Sa. Graziella Galea.

24.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoliġiji preżentati

## 24.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 23

24.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 23.

24.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jesmond Aquilina, l-Eżekuttiv approva l-minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.23.

## 24.3 Punti li joħorġu mill-minuti

| | |
|---|---|
| **24.3.1 Sejħa għas-servizzi ta' poloz tal-Assigurazzjoni għall- Assoċjazzjoni u l-Kunsilli Lokali** | Il-President semma li l-Board tal-Aġġudikazzjoni ikkonkluda li s-sejħa għandha titwaqqaf minħabba li d-dokument tas-sejħa ma kellux d-dettalji kollha neċessarji sabiex wieħed ikun jista' jikkonkludi l-Evalwazzjoni. |
| **24.3.2 Sejħa għall-offerti fuq servizz ta' Traffic Management System li titratta l-Ħruġ ta' Permessi** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ser tkun qed tiġbor il-mandati mill-Kunsilli Lokali sabiex tkun tista' tkompli bil-proċess mal-kuntrattur. |
| **24.3.3 Ħruġ ta' Kuntratti Reġjonali tal-Ġbir tal-Iskart – Konsultazzjoni mis-Sindki** | Il-President fakkar li għadd fadal Reġjuni li kien għaddhom m' għaddewx l-informazzjoni. Talab lil Presidenti Reġjonali sabiex jikkomunikaw mas-Sindki ta' kull lokalita' sabiex is-sejħa li toħroġ fuq bażi Reġjonali tkun tirrifletti l-bżonnijiet ta' kull lokalita'. |

| | |
|---|---|
| **24.3.4 Fondi LESA Attivitajiet Kulturali** | Il-President semma li l-formoli tal-proposti ser jintlaqgħu mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sal-31 t' Ottubru 2019. |
| **24.3.5 Kors għall-Kunsilliera f' Settembru** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għaddejja bil-preparazzjonijiet għal dan it-taħriġ. |
| **24.3.6 M.Sc fil-Governanza u l-Immaniġjar** | Il-President semma li bdew deħlin l-applikazzjonijiet u l-kors huwa mistenni li jibda f' Ottubru 2019. |
| **24.3.7 Laqgħa Plenarja – Ottubru 2019** | Il-President semma li għaddejjin il-preparamenti kollha. Għaddejjin bit-tfassil tal-pjan strateġiku u dokumenti ta' linji gwida kif ukoll bil-ħidma għal re-branding tal-AKL. |
| **24.3.8 Teambuilding għas-Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema** | Il-President semma li għaddejjin il-preparamenti kolli neċessarji u ser ikun qed jiġi wkoll organizzat networking lunch ġewwa s-Suq tal-Belt. |
| **24.3.9 Proġett ADMin4ALL** | Il-President semma li ser ikunu qed jitellgħu bil-polza ir-rappreżentanti mill-Kunsilli Lokali li ser ikunu qed jirrapreżentaw lill-Malta ġewwa Milan. L-Assoċjazzjoni ser tkun ukoll qed tevalwa r-rispons li daħal mis-survey li sar. Il-President semma li minn Settembru ser ikun qed jinbeda l-kors. |

**24.4 Preżentazzjoni mis-Sur Christopher Spiteri, ESF.04.0079 - Workshops Cultural Strategy Development and Implementation to Local Councils and Regional Committees**

24.4.1 Il-President talab lis-Sur Spiteri jidħol għal-laqgħa fis-18:00

24.4.2 Is-Sur Christopher Spiteri preżenta l-preżentazzjoni lill-Membri tal-Eżekuttiv. Il-Preżentazzjoni tinsab annessa u mmarkata Dok A.

24.4.3 Il-President semma li fi 3 t' Ottubru ser ikun qed jiġi organizzat seminar f' dan ir-rigward.

24.4.4 Is-Sur Christopher Spiteri ħareġ mil-laqgħa fis-18:46

**24.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport ta' Ħaddiema fuq skemi CWSEF wara rapport maħruġ mill-Awditur Ġenerali**

24.5.1 Il-President preżenta rapport li ġie mfassal fuq ir-Rapport maħruġ mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali fuq il-ħaddiema fuq l-iskema CWSEF.

24.5.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva r-rapport preżentat.

24.5.3 Ir-Rapport jinsab anness mal-minuti u immarkat bħala Dok B.

**24.6 Taħriġ fuq ħiliet bażiċi għall-Persuni b' Diżabilita' Intelletwali**

24.6.1 Il-President semma li l-AKL għaddeja b' taħdidit kontinwi ma' CRPD kif ukoll mal-Malta PSD Assocation sabiex jiġi formulat program ta' taħriġ fuq ħiliet bażiċi għall-persuni b' diżabilita' intelletwali.

24.6.2 Il-President spjega li l-għan huwa li jiġi formulat programm ta' taħriġ li wara li jiġi implimentat mill-Assoċjazzjoni dan ikun jista' jiġi offrut fuq lill-Kunsilli Lokali li jkun jixtiequ jipparteċipaw f' din l-inizjattiva.

24.6.3 Il-President semma li l-laqgħat għadhom fi stadju preliminarji u kif tiġi mfassla l-ewwel verżjoni tal-programm dan jiġi ċirkulat mal-Eżekuttiv.

**24.7 Proposti sottomessi għall-Skemi ta' Finanzjarjament mid-Divizjoni għall-Gvern Lokali**

24.7.1 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ssottometit applikazzjoni għall-fondi mill-iskemi jekk kif maħruġa mid-Diviżjoni.

24.7.2 Il-President semma li ġew sottomessi l-formoli

- Korsijiet Tgħalim tul il-Ħajja (Lifelong Learning) annessa u mmarkata Dok C

- Skema favur il-Komunita' – Community Inclusive Employment Scheme annessa u mmarkata Dok D
- Espressjoni ta' Interess Clean Up the World Campaign annessa u mmarkata Dok E

24.7.3 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi, is-sottomissjonijiet ġew approvati kif preżentati.

**24.8 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Proposta mibgħutha mir-Reġjun Nofsinhar biex isir użu mill-bqija tal-Fondi Kulturali li kienu għadhom pendenti**

24.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat il-proposta hekk kif mibgħutha mir-Reġjun Nofsinhar.

24.8.2 Il-President informa li r-Reġjun Nofsinhar talab li bil-fondi li fadal, ir-Reġjun ser ikun qed inidi ktieb li jitratta l-kult Marjan fir-Reġjun Nofsinhar.

24.8.3 Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva l-proposta preżentata mir-Reġjun Nofsinhar.

**24.9 Ħatra tal-Board għall-Evalwazzjoni tal-Proposti mibgħutha mir-Reġjuni u Kunsilli Lokali – Fondi LESA**

24.9.1 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet ser tkun qed tilqa' l-proposti mill-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali sa l-aħħar t'Ottubru. Għaldaqstant semma li kellu jinħatar Board sabiex ikun jista' jevalwa dawn il-proposti. Fuq proposta tal-President kien hemm qbil li l-proposti ma jiġux evalwati waqt il-laqgħat tal-Eżekuttiv sabiex ma jittawwalx il-proċess sakemm l-Eżekuttiv jerġa' jiltaqa, l-Eżekuttiv approva li l-Board kellu jkun maħtur minn fost il-Membri tal-Eżekuttiv stess.

24.9.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, il-Membri tal-Board ġew approvati li jkunu:

- Is-Sur Mario Fava
- Is-Sur Michael Fenech Adami
- Is-Sa. Lianne Mifsud

24.9.3 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva li jinħatru wkoll żewġ sostiuti fil-każ li Membru tal-Board tal-Evalwazzjoni ma jkunx jista' jattendi. L-Eżekuttiv qabel li Dr. Samuel Azzopardi, is-Sur Jesmond Aquilina u Chev. Paul Farrugia għandhom jinħatru sostituti tal-Board.

24.9.4 Fuq proposta tal-President issekondata minn Dr. Azzopardi, l-Eżekuttiv qabel li l-proposti mresqa mir-Reġjuni għandhom jiġu evalwati u approvati waqt Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

## 24.10 Kommunikazzjoni mill-President

| | |
|---|---|
| **24.10.1 CPD** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni għaddejja b' komunikazzjoni mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili sabiex ikun jista' jibda l-proċess ta' Pjan ta' Kontinġenza Nazzjonali. Il-President semma li dan huwa proġett estensiv li ser jieħu ż-żmien u jeħtieġ ko-ordinament tajjeb mal-Kunsilli Reġjonali. Il-President semma li rappreżentanti ta' CPD ser ikunu preżenti waqt il-Laqgħa Plenarja t' Ottubru. |
| **24.10.2 Bus Shelters** | Il-President semma lli l-Assoċjazzjoni għaddejja b' taħdidit ma' Transport Malta fejn jidher li qed jitwaħħlu Bus Shelters mill-istess Awtorita' fejn il-Kunsilli Lokali diġa għamlu ftehim mal-kuntrattur taħt il-kuntratt li l-Assoċjazzjoni għandha mal-istess operatur. Il-President semma li sa issa d-diskussjonijiet kienu kordjali biss pero dan ma jfissirx li mhux ser ikun hemm il-probabilita' li l-Assoċjazzjoni jkollha tieħu passi legali fil-konfront ta' Transport Malta. |

**24.10.3 Laqgħat individwali ma' kull Kunsill Lokali**

Il-President semma li matul dawn l-aħħar ġimgħat kien qed jiltaqa' mal-Kunsilli Lokali b' mod individwali permezz ta' laqgħat li kienu qed isiru l-Assoċjazzjoni wara l-17:00. Il-President semma li l-koperazzjoni u l-attendenza kemm min-naħa tal-Membri Eletti u kemm mis-Segretarji Eżekuttivi kienet waħda tajba. Semma li sa issa kien iltaqa' mal-Kunsilli Lokali li jappartjenu r-Reġjun Għawdex permezz ta' Seminar li kien sar ġewwa Għawdex, r-Reġjun Tramuntana u r-Reġjun Ċentru . Semma li bdew jiġu skedati l-laqgħat għall-kumplament tal-Kunsilli Lokali.

**24.10.4 Stqarrija dwar l-indafa pubblika**

Il-President semma li fil-jiem li għaddew, l-Assoċjazzjoni ħarġet stqarrija rigward l-indafa pubblika. Kopja tal-istqarrija tinsab annessa u markata Dok F.

**24.10.5 Obligations of F-gas Regulations**

Il-President semma li kien iltaqa' ma' rappreżentanti mill-MCCAA sabiex jiġu diskussi l-obbligi u r-regolamaenti ta' ġarr ta' gassijiet. Il-President semma li lejn l-aħħar ta' Settembru ser tintbgħat komunikazzjoni lill-Assoċjazzjoni sabiex tinġar xi informazzjoni fuq dan it-tip ta' ġarr.

**24.10.6 Laqgħa għas-Sindki 28 t' Awwissu 2019**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed torganizza laqgħa bl-iskop li jingħata tgħarif fuq ċirkulari, inizjattivi u MoUs li l-Assoċjazzjoni għamlet tul dawn l-aħħar sentejn u li għadhom relevanti. Il-President semma li kemm hu personali kif ukoll l-AKL qed tirċivi telefonati u korrispondenza minn bosta speċjalment Sindki u Kunsilliera li kienu eletti għall-ewwel darba fejn ħafna jidher li hemm nuqqas ta' għarfien dwar il-proċeduri eżistenti. Il-President semma li fl-aħħar jumen ir-reġistrazzjoni kienet żdiedet għall- 160 parteċipant u għaldaqstant ma kienx possibbli li din isir kif kien pjanat ġewwa s-sala tal-Assoċjazzjoni imma kellu jinstab post alternattiv ta' malajr.

**24.10.7 Kontroll tal-Ħamiem**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet qedd tiġbor l-informazzjoni fuq żoni problematiċi f' kull lokalita' sabiex tkun tista' jkollha estimi tal-ispejjeż. Il-President semma li għaddejin ukoll diskussjonijietma' veterinarji, NGOs kif ukoll l-Ministeru ta' Drittijiet tal-Annimali.

**24.10.8 Rivużjoni tal-ispejjeż lir-Reġjun Tramuntana għall-attivitajiet li saru mill-Fondi tal-LESA 2017**

Il-President semma li r-Reġjun Tramuntana preżenta kopji tal-fatturi sabiex l-Assoċjazzjoni toħroġ ir-revużjoni tal-ispejjeż għall-attivitajiet kulturali li saru mir-Reġjun lejn l-aħħar tas-sena 2017 u l-bidu tas-sena 2018. Il-President semma li ħass li kellu jagħmel laqgħa li għaliha attenda is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Tramuntana fejn ta spjega għaliex kellhom jingħataw direct orders li anki leħqu €20,000 mingħajr ma nħarġet sejħa, għaliex pagament inħarġu għalih kemm ċekkijiet kif ukoll sar trasferiment bankarju kif ukoll għaliex kif jidher anki mill-irċevuti fiskali l-kumplament tas-servizz ingħata b' xi mod lill-istess kumpanija b' kontijiet tal-VAT differenti. Il-President semma li s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun ta spjega għal dan waqt il-laqgħa.

Il-President semma li peress li min-naħa tal-Assoċjazzjoni ma kienx hemm regoli stabbiliti ta' dan il-fond u minkejja li huwa jinsab kontra l-ġustifikazzjonijiet li ingħataw mir-Reġjun talab lill-Eżekuttiv biex jiddeċiedi jekk il-pagament għandux jgħaddi u talab li jittieħed vot. Fuq proposta ġiet ssekondata mis-Sur Michael Fenech Adami u vot maġġoritarju l-Eżekuttiv iddeċieda li ser ikun qed jgħaddi r-rimborż tal-ispejjeż lir-Reġjun biss pero ladarba issa hemm regolamenti stabbiliti mill-Assoċjazzjoni li anki jelenkaw li wieħed għandu jkun konfermi mar-Regolamenti tal-Akkwist, minn din is-sena l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tosserva r-regolamenti kollha jiġu osservati sabiex ikun jista' jingħata rimborż tal-ispejjeż mill-Assoċjazzjoni.

**24.10.9 Apprentistat mill-MCAST u Parteċipanti fuq Skemi tal-Jobsplus**

Il-President semma li l-parteċipanta tal-iskema tal-Jobsplus kienet waqfet mill-iskema peress li kienet sabet xogħol full-time. Semma li għalhekk l-Assoċjazjonii għamlettalba lill-Jobsplus sabiex jintbgħat parteċipant ieħor. Il-parteċipanta l-ġdida fuq l-iskema tal-Youth Guarantee bdiet fit-12 t' Awwissu 2019.

Il-President semma li kienu għaddejjin diskussjonijiet mal-MCAST peress li jidher li kien hemm xi problemi bil-parteċipanta li kienet qed taġġmel apprentistat ma-Assoċjazzjoni. Il-President semma li l-atteġġjament tal-parteċipanta ma kienx wieħed xieraq fil-konfront tal-Assoċjazzjoni. Spjega li dan ma kienx għax il-parteċipanta riedet tagħmel xi tip ta' ħsara imma kien hemm problemi oħra ta' diżabbilita' li la MCAST u lanqas il-parteċipanta ma resquhom għall-attenzjoni tal-Assoċjazzjoni sabiex l-AKL tkun tista' tagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex tkun tista' tilqa' għal dawn l-eventwalitajiet. Fuq propost atal-President l-Eżekuttiv qabel li l-parteċipanta għandha titwaqqaf, ladarba mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sar dak kollu possibbli biex tingħata għajnuna lill-parteċipanta.

**24.10.10 Laqgħa ta' Korteżija mal-Eċċellenza Dr. George Vella**

Il-President semma li wara talba li għamlet l-Assoċjazzjoni, l-Uffiċju tal-President ikkomunikaw mal-AKL li l-laqgħa ta' korteżija hija skedata għat-Tnejn, 26 t' Awwissu 2019 fis-13:30. Il-President stieden lill-Eżekuttiv sabiex jattendi għal din il-laqgħa.

**24.10.11 Proposti ta' taħriġ għall-Membri Eletti**

Il-President preżenta rapport li fih skedat numru ta' sessjonijiet ta' taħriġ għall-Membri Eletti fil-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Dawn is-sessjonijiet huma skedati bejn Ottubru 2019 u Mejju 2021. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva r-rapport tal-proposti.

**24.10.12 Legal Aid Malta**

Il-President semma li Legal Aid Malta talbu l-assistenza tar-Reġjuni sabiex ikun jista' jiġi kkomunikat mar-residenti s-servizzi offruti mill-istess Aġenzija. Il-President semma li ser tkun qed tintbgħat korrispondenza mill-Assoċjazzjoni lill-Kunsilli Reġjonali sabiex jistiednu lir-rappreżentant tal-Legal Aid waqt il-Laqgħa tar-Reġjun.

**24.11 Affarjiet Oħra**

24.11.1 Chev. Paul Farrugia semma li r-Reġjun Xlokk kien ġie innotifikat li ser jibda l-Uditjar mill-Aġenzija LESA. Il-President semma li s-Salarju tas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun u l-Onorarja tal,-Presidenti Reġjonali mill-1 ta' Lulju 2019 bdiet titħallas mir-Reġjuni.

24.11.2 Dr. Azzopardi talab li tiġi mresqa l-proposta tar-Reġjun Għawdex għall-użu tal-fondi tal-LESA 2018. Is-Segretarja resqet il-proposta għall-approvazzjoni. Fuq talba tal-President, l-Eżekuttiv approva l-proposta tar-Reġjun fejn ser ikun qed jiffinanzja GPEXE (power tracker) għall-klabbs tal-futbol u nurseries f' Għawdex.

24.11.3 Chev. Farrugia talab li tiġi mresqa l-proposta tar-Reġjun Xlokk għall-użu tal-fondi tal-LESA 2018. Is-Segretarja resqet il-proposta għall-approvazzjoni. Fuq talba tal-President, l-Eżekuttiv approva l-proposta tar-Reġjun ifassal Mobile Responsive

Website li tippromovi l-ħidma tar-Reġjun kif ukoll tal-lokalitajiet li jappartjenu lill-istess Reġjun.

**24.12 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 24**

24.12.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi u s-Sur Mark Grech u ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-16 ta' Lulju 2019 u lt-22 t' Awwissu 2019 li kienet tammonta għall-€40,691.11.

**24.13 Aġġornament**

24.13.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 26 ta' Settembru 2019 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Lianne Mifsud**

**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.25 li nżammet nhar il- il-Ħamis, 26 ta' Settembru 2019.

**Mario Fava**

**President**